**Suġġett**

Annullament ta' l-Artikolu 1(5) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/281/KE tat-22 ta' Marzu 2004 li tadatta l-Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea, bħala riżultat tar-riforma tal-politika agrikola komuni (ĠU L 93, pġ. 1) — Ksur tal-prinċipji ta' non diskriminazzjoni, ta' trattament ugwali u tal-*bona fide*

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ir-Repubblika tal-Polonja hija ordnata tbati l-ispejjeż.*

3) *Ir-Repubblika tal-Latvija, ir-Repubblika tal-Litwanja u r-Repubblika ta' l-Ungerija kif ukoll il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.*

(1) ĠU C 239, 25.9.2004.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-25 ta' Ottubru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Ellenika**

**(Kawża C-334/04)** (1)

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 79/409/KEE — Anness I — Konservazzjoni ta' l-għasafar selvaġġi — Żoni speċjali ta' protezzjoni — IBA 2000 — Valur — Kwalita tad-data — Kriterji — Marġni ta' diskrezzjoni — Klassifikazzjoni manifestement insuffiċjenti — Żoni niedja)***

(2007/C 315/04)

*Lingwa tal-kawża: Il-Grieg*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: M. Patakia u M. van Beek, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentant: E. Skandalou, aġent)

*Partijiet intervenjenti in sostenn tal-konvenuta:* Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: N. Díaz Abad, aġent), Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: G. de Bergues u C. Jurgensen-Mercier, aġenti), Ir-Repubblika Portugiża (rappreżentanti: L. Fernandes u M. Lois, aġenti), Ir-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentant: T. Pynnä, aġent)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas ta' traspożizzjoni, fit-terminu previst, tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE, tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar selvaġġi (ĠU L 103, p. 1) — Nuqqas ta' osservanza ta' l-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-istabbiliment ta' żoni speċjali ta' konservazzjoni, — Numru insuffiċjenti ta' żoni stabbiliti fil-Greċja.

**Dispożittiv**

1) *Ir-Repubblika Ellenika,*

— *billi klassifikat bħala żoni speċjali ta' protezzjoni territorji li n-numru u d-daqs totali tagħhom huma manifestament iżgħar minn numru u d-daqs totali tat-territorji li jissodisfaw il-kundizzjonijiet sabiex jiġu kklassifikati bħala żoni speċjali ta' protezzjoni skond l-Artikolu 4(1) u (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE, tat-2 ta' April 1979, dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar selvaġġi (ĠU L 103, p.1), kif emendata, b'mod partikolari bid-Direttiva tal-Kummissjoni 97/49/KE tad-29 ta' Lulju 1997,*

— *billi ma indikatx żoni speċjali ta' protezzjoni sabiex toffri protezzjoni lis-Sitta ta' Krueper (Sitta krueperi), u*

— *billi kklassifikat bħala żoni speċjali tal-protezzjoni żoni li fihom il-Margun tat-Toppu (Phalacrocorax aristotelis desmarestii), l-Avultun b'Rasu Mqaxx (Gypaetus barbatus), l-Avultun Qassis (Aegypius monachus), l-Ajkla tat-Tikki (Aquila pomarina), l-Ajkla Imperjali (Aquila heliaca), il-Kuċċarda ta' Saqajha Twal (Buteo rufinus), l-Ajkla ta' Bonelli (Hieraaetus fasciatus), l-Ispanjulett Sekond (Falco naumanni), il-Bies tar-Reġina (Falco eleonorae), il-Bies Rasu Qastnija (Falco biarmicus), u d-Durrajsa Skura (Emberiza cineracea) mhumiex irrappreżentati biżżejjed,*

*naqset milli twettaq l-obbligi li hija għandha skond l-Artikolu 4 (1) u (2) tad-Direttiva 79/409, kif emendata bid-Direttiva 97/49.*

2) *Il-bqija r-rikors huwa miċħud.*

3) *Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata tbati l-ispejjeż.*

4) *Ir-Rejnu ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Portugiża u r-Repubblika tal-Finlandja għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.*

(1) ĠU C 239, 25.9.2004.